TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 243/11

**Mary Rose Cachia**

**vs**

**D. Tanti & Co. Ltd.**

Illum 13 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija, u sebgħa w sittin ewro (€367) rappreżentanti prezz ta' nuċċali li wara li ngħata lir-rikorrenti, dan ma kienx tajjeb għaliha.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija ħadet in-nuċċali għat-tiswija sabiex jiġu rranġati n-'nosepads' u sabiex jitnaddaf, iżda meta ngħatalha lura, kellu ħafna dbabar.

Minkejja li r-rikorrenti riedet nuċċali ġdid, is-soċjeta' intimata ma riditx tħallas għalih.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi n-nuċċali kien ilu għandha erba' snin u li kien fi stat ta' kundizzjoni ħażina ħafna, u kellhom jagħmlulu 'full service' jiġifieri tindifa. Illi waqt il-proċess ta' tindif, ġew ikkawżati xi tbajja fuq il-lenti, li ma setgħux jevitaw.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi s-sinjura kienet ilha tuża dan in-nuċċali għal erba' snin u li żgur kellu diversi nuqqasijiet, pero' huwa żgur illi t-tbajja ma kinux it-tort tar-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa't-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**